Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fit-23 ta' Marzu 2023[1]

**Kawża C-87/22**

**TT**
**fil-preżenza ta'**
**AK**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 10 u 15 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Talba lil qorti ta' Stat Membru ieħor f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-każ sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha – Kundizzjonijiet – Ġurisdizzjoni tal-Istat Membru li fih il-minuri ttieħed b'mod illeċitu – Konvenzjoni ta' Den Haag tal-25 ta' Ottubru 1980"

## I. Introduzzjoni

1. Ir-Rapport Borrás[2] jindika li "[w]ieħed mir-riskji, forsi l-iktar wieħed sinjifikattiv, li għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-protezzjoni tal-minuri komuni fis-sitwazzjonijiet ta' kriżi konjugali huwa dak tat-tneħħija internazzjonali tal-minuri minn wieħed mill-ġenituri tiegħu, bil-problemi kollha li jirriżultaw għall-istabbilità u għall-protezzjoni tiegħu"[3]. Din hija eżattament is-sitwazzjoni li għandna quddiemna f'dan il-każ.

2. Permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg, l-Awstrija) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003[4] fil-kuntest ta' kawża bejn żewġ ċittadini Slovakki, TT, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, (iktar 'il quddiem il-"missier"), li jirrisjedi fl-Awstrija, u AK, il-konvenuta fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"omm"), dwar il-kustodja ta' wliedhom, li bħalissa jinsabu fis-Slovakkja mal-omm.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni stabbilita fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'kwistjonijiet matrimonjali, imsejħa l-Konvenzjoni ta' "Brussell II", imħejji minn Alegría Borrás (ĠU 1998, C 221, p. 27, iktar 'il quddiem ir-"Rapport Borrás").

[3] Rapport Borrás, punt 40.

[4] Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).

3. Din il-kawża għalhekk toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità, minn naħa waħda, li tispjega l-portata tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar ir-rinviju tal-kawża lil qorti li tkun f'pożizzjoni aħjar biex tismagħha, u, min-naħa l-oħra, li tittratta l-kwistjoni ġdida dwar ir-relazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, relatat mal-ġurisdizzjoni f'każ ta' ħtif ta' minuri.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

4. Skont l-Artikolu 1(a) tagħha, il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, konkluża f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980"), għandha, b'mod partikolari, l-għan "li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat ta' minuri mneħħija jew miżmuma b'mod illeċitu f'kull Stat Kontraenti".

### *B. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Minbarra l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), l-Artikoli 8, 10, 11, 15 u 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 huma rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża.

## III. Il-fatti li minnhom oriġinat il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

6. Il-missier u l-omm kienu koppja mhux miżżewġa meta wliedhom, V u M, twieldu fis-Slovakkja fl-2012. Skont id-dritt Slovakk, il-kustodja tat-tfal hija konġunta.

7. Iż-żewġ ġenituri kienu jaħdmu fis-Slovakkja[5]. Fl-2014, il-familja stabbilixxiet ruħha fl-Awstrija u t-tfal kienu jattendu crèche u mbagħad skola f'dan l-Istat Membru sal-2017. Sussegwentement, fl-istess sena huma bdew imorru l-iskola fis-Slovakkja, billi kienu jagħmlu vjaġġ ta' kuljum mid-dar tagħhom fl-Awstrija għall-iskola li kienet tinsab fis-Slovakkja. It-tfal kienu jikkomunikaw mal-ġenituri u man-nanniet tagħhom bil-lingwa Slovakka u kienu jafu biss xi kliem bil-lingwa Ġermaniża.

8. Il-ġenituri sseparaw fil-bidu tas-sena 2020. Mix-xahar ta' Lulju 2020 'il quddiem, it-tfal jgħixu ma' ommhom fis-Slovakkja, mingħajr il-kunsens tal-missier.

9. Abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, il-missier ressaq talba għar-ritorn tat-tfal li, skont l-ewwel inċiż u t-tielet inċiż tal-Artikolu 8(f) ta' din il-Konvenzjoni, tressqet quddiem l-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I, is-Slovakkja).

[5] Waqt is-seduta, il-missier enfasizza li, kuntrarjament għal dak indikat fid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa ħaddiem indipendenti fl-Awstrija.

10. B'mod parallel, il-missier ressaq talba quddiem il-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha, l-Awstrija) intiża, b'mod partikolari, sabiex jingħata l-kustodja esklużiva taż-żewġ ulied billi argumenta li l-omm, meta ħadithom b'mod illegali mill-Awstrija għas-Slovakkja, ikkompromettiet il-benesseri tagħhom u ppreklduiethom milli jkollhom relazzjoni miegħu.

11. L-omm opponiet din it-talba billi kkontestat il-ġurisdizzjoni tal-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha) minħabba li r-residenza abitwali tat-tfal kienet dejjem fis-Slovakkja u li huma ma kinux integraw soċjalment fil-post fejn kienet toqgħod il-familja fl-Awstrija. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2021, l-argument tal-omm ibbażat fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti Awstrijaka intlaqa' fl-ewwel istanza.

12. Il-missier appella quddiem il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg) li, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2021, biddlet id-deċiżjoni tal-ewwel istanza u ċaħdet l-eċċezzjoni bbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-omm.

13. Permezz ta' digriet tat-23 ta' Ġunju 2021, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg).

14. Fit-23 ta' Settembru 2021, l-omm talbet lill-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha) sabiex din il-qorti titlob lil qorti Slovakka, skont l-Artikolu 15(1)(b) u (2)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha abbażi tal-Artikolu 15(5) ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, l-omm sostniet, minn naħa waħda, li, minbarra l-proċedura ta' ritorn mibdija abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 quddiem l-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I), diversi proċeduri, introdotti kemm mill-missier kif ukoll minnha, kienu pendenti quddiem l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V, Slovakkja) u, min-naħa l-oħra, li dawn il-qrati kienu f'pożizzjoni aħjar sabiex jieħdu konjizzjoni l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward taż-żewġ minuri, fid-dawl ta' ħafna provi li huma kienu ġabru.

15. Il-missier oppona din it-talba billi sostna li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru, prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003, ma tistax tiġi ttrasferita meta l-qrati tal-Istat Membru l-ieħor, mitluba sabiex jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom, ikunu aditi b'talba għal ritorn abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

16. Il-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha) laqgħet it-talba tal-omm. Din il-qorti qieset li l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V), li kienet diġà tat diversi deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess tal-missier fir-rigward tal-ulied, kienet f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u d-dritt ta' aċċess fir-rigward taż-żewġ ulied, li ilhom jirrisjedu mal-omm fis-Slovakkja mix-xahar ta' Lulju 2020 u li ma kinux soċjalment integrati fl-Awstrija. Barra minn hekk, l-iżvolġiment tal-proċedura quddiem qorti Awstrijaka tikkumplika din il-proċedura minħabba l-ħtieġa li jkun hemm interpretu ġuramentat għall-intervisti u għall-miżuri ta' stħarriġ kollha fl-investigazzjonijiet tal-organi Awstrijaki ta' għajnuna għat-tfal u għaż-żgħażagħ u għall-esperti fil-psikoloġija tat-tfal maħtura.

17. Il-missier appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg).

18. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kwistjoni li tirrigwarda r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 u dawk tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament għadha ma ġietx deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, hija tistaqsi jekk, fil-każ fejn l-Istat Membru mitlub li jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu, abbażi tal-Artikolu 15(1)(b) tal-imsemmi regolament, ikun l-istess bħal dak li fih il-minuri sadattant stabbilixxa r-residenza abitwali tiegħu wara tneħħija illeċita, il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed konjizzjoni tal-kwistjoni tal-kustodja ta' dan il-minuri tistax tiġi ttrasferita lil qorti ta' dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għal din id-domanda, jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, li, jekk jiġu ssodisfatti, jippermettu t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lil qorti ta' Stat Membru ieħor, humiex ta' natura eżawrjenti jew jekk jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra, fid-dawl tan-natura partikolari tat-tneħħija illeċita.

19. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2022, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Frar 2022, iddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni tagħha u tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 15 tar-Regolament [Nru 2201/2003] għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru, li jkollu l-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni, jista' wkoll jitlob lil qorti ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri jkollu konnessjoni partikolari, li huwa jqis li tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża, jew parti speċifika mill-kawża, teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha, anki jekk l-Istat Membru l-ieħor ikun dak li fih il-minuri jkun kiseb residenza abitwali wara tneħħija illeċita?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

L-Artikolu 15 tar-[Regolament Nru 2201/2003] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kriterji ta' trasferiment tal-ġurisdizzjoni huma stipulati b'mod eżawrjenti, mingħajr ma huma meħtieġa kriterji oħra fir-rigward ta' proċeduri mibdija skont l-Artikolu 8 [l-ewwel u t-tielet inċiż tal-paragrafu (f)] tal-[Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980]?"

20. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Slovakk u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-istess partijiet, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Slovakk, ħadu sehem fis-seduta li saret fit-12 ta' Jannar 2023.

## IV. Analiżi

21. Fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, żewġt'itfal imwielda fis-Slovakkja fl-2012, minn ġenituri Slovakki, mhux miżżewġa, illum jinsabu f'dan l-Istat Membru ma' ommhom, mingħajr il-kunsens tal-missier, li jaħdem fl-Awstrija, l-Istat Membru li fih l-familja għexet matul il-perijodu bejn is-sena 2014 u t-tneħħija tat-tfal minn ommhom.

### *A. Fuq il-karatteristiċi partikolari tal-każ inkwistjoni*

22. Iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża jirrikjedu, fl-opinjoni tiegħi, xi spjegazzjonijiet sabiex jinftiehem aħjar il-kuntest speċifiku li fih taqa' din il-kawża. Madankollu infakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li l-qorti tar-rinviju biss hija kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża li

jkollha quddiemha[6].

23. Fl-ewwel lok, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li kien hemm diversi proċeduri, relatati, b'mod partikolari, mad-drittijiet ta' aċċess u ta' manteniment li ġew introdotti kemm mill-missier kif ukoll mill-omm quddiem il-qrati Slovakki. F'dan ir-rigward, bħala tweġiba għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istat kurrenti ta' dawn il-proċeduri, il-bażi legali tagħhom u, jekk ikun il-każ, in-natura tad-deċiżjonijiet mogħtija minn dawn il-qrati, il-partijiet fil-kawża prinċipali kkonfermaw li bħalissa hemm diversi proċeduri pendenti quddiem l-imsemmija qrati. Sa fejn dawn jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-evalwazzjoni legali tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ser nagħti dettalji ta' dawn il-proċeduri iktar 'il quddiem, mingħajr ħsara għall-verifika tagħhom mill-qorti tar-rinviju.

24. Fir-rigward tad-*dritt ta' kustodja tal-minuri*, il-missier jindika li fis-17 ta' Lulju 2020 tressqu żewġ talbiet mill-omm quddiem l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V), meta l-proċedura dwar id-dritt ta' kustodja li huwa beda fil-15 ta' Lulju 2020 quddiem il-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha) kienet diġà pendenti fl-Awstrija. Din il-proċedura kienet tirrigwarda talba għal miżuri provviżorji ta' urġenza, abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, u talba dwar il-mertu. L-ewwel proċedura għal miżuri provviżorji ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2020, filwaqt li t-tieni ġiet sospiża, abbażi tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, sakemm tingħata deċiżjoni fil-qafas tal-proċedura relatata mar-ritorn tal-minuri mibdija mill-missier quddiem l-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I)[7].

25. Fir-rigward tad-*dritt ta' aċċess*, il-missier spjega li, permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Frar 2021, l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V) ħadet miżuri provviżorji ta' urġenza, abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, sabiex tistabbilixxi l-aċċess tiegħu għall-minuri sakemm tintemm il-proċedura relatata mad-dritt ta' kustodja[8] sospiża quddiem din il-qorti[9]. Waqt is-seduta huwa spjega li, minkejja l-ħruġ ta' ordni ta' eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni, id-dritt ta' aċċess tiegħu ma ġiex irrispettat mill-omm, li fuqha kienet imposta multa fix-xahar ta' Jannar 2023.

26. Fir-rigward tal-*obbligi ta' manteniment*, l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Frar 2021, ħadet miżura provviżorja ta' urġenza abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 4/2009[10] dwar l-obbligu tal-missier li jħallas manteniment għall-benefiċċju tal-minuri, li tapplika sakemm tintemm il-proċedura relatata mad-dritt ta' kustodja sospiża quddiem din il-qorti.

27. Fit-tieni lok, il-missier jirrileva li l-ebda qorti Slovakka ma rrikonoxxiet lilha nnifisha bħala li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar id-dritt ta' aċċess abbażi tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 2201/2003[11]. Huwa jsostni li d-deċiżjonijiet meħuda sa issa mill-Okresny súd

6 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, X-Beteiligungsgesellschaft (VAT – Ħlasijiet suċċessivi) (C-324/20, EU:C:2021:880, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

7 Ara l-punti 9 u 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

8 L-eżistenza ta' dawn il-proċeduri ġiet ikkonfermata waqt is-seduta mill-omm, li indikat li, fir-rigward tad-dritt ta' aċċess, hemm tliet proċeduri pendenti quddiem l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V). Hija ddikjarat li żewġ proċeduri oħra quddiem din il-qorti, dwar it-talbiet tal-missier sabiex jiġi nominat psikologu u sabiex ir-residenza abitwali tat-tfal tiġi stabbilita fid-domiċilju tiegħu fl-Awstrija, ġew magħluqa.

9 Ara l-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Regolament tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1).

11 L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2201/2003, li jistabbilixxi r-regola ta' ġurisdizzjoni tar-residenza abitwali ta' qabel tal-minuri fil-każ ta' *tneħħija leċita*, huwa s-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-372/22, CM, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V) huma ta' natura provviżorja u urġenti u ġew adottati abbażi jew tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament, jew tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4/2009.

28. Ser nerġa' niddiskuti dawn iċ-ċirkustanzi fil-qafas tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 u tar-relazzjoni bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament[12].

## *B. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

29. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qorti ta' Stat Membru li l-ġurisdizzjoni tagħha biex tiddeċiedi dwar il-kustodja ta' minuri hija bbażata fuq l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament bħala qorti tal-Istat Membru li fih dan il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija illeċita tiegħu hija awtorizzata titlob, skont l-Artikolu 15(1)(b) tal-imsemmi regolament, lill-qorti tal-Istat Membru li fih dan il-minuri ttieħed b'mod illeċitu minn ġenitur u li fih jgħix ma' dan il-ġenitur sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.

30. Sabiex nirrispondi din id-domanda, l-ewwel nett ser nanalizza jekk it-tneħħija tal-minuri fil-kawża prinċipali hijiex tneħħija illeċita, fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 (Taqsima 1). Fid-dawl tal-fatt li, billi bbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament, il-qrati Slovakki adottaw miżuri provviżorji li jikkonċernaw, b'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess tal-missier, sussegwentement ser nippreżenta xi kunsiderazzjonijiet dwar il-portata tal-ġurisdizzjoni bbażata fuq din id-dispożizzjoni (Taqsima 2), qabel ma nikkjarifika, fl-aħħar nett, il-portata tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 10 tal-istess regolament (Taqsima 3).

### *1. Fuq it-tneħħija illeċita, fis-sens tal-punt 11(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003*

31. Sabiex jiġi stabbilit jekk it-tilwima oriġinatx mit-tneħħija illeċita tal-minuri fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003, għandu jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 11 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament humiex issodisfatti.

32. Skont il-punt 11(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, in-natura illeċita jew le tat-tneħħija (jew ta' żamma) ta' minuri tiddependi mill-eżistenza "ta' drittijiet ta' kustodja akkwistati permezz ta' sentenza jew b'operat ta' liġi jew b'xi fteħim li għandu effett legali taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma"[13]. Fir-rigward tal-eżistenza ta' dritt ta' kustodja, dan ir-regolament ma jistabbilixxix liema hija l-persuna li għandu jkollha dritt ta' kustodja li jista' jirrendi illeċita t-tneħħija ta' minuri, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 2, iżda jirreferi għad-dritt tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu *immedjatament qabel it-tneħħija tiegħu* f'dak li jirrigwarda d-detentur ta' dan id-dritt ta' kustodja. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura illeċita

12 Ara l-punti 41 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 Ninnota li din id-definizzjoni hija simili għal dik li tinsab fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Ara, ukoll, f'dan is-sens, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

tat-tneħħija ta' minuri għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmi regolament tiddependi esklużivament mill-eżistenza ta' dritt ta' kustodja mogħti mid-dritt nazzjonali applikabbli li bi ksur tiegħu seħħet it-tneħħija [14].

33. Issa, f'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont id-dritt Slovakk applikabbli għall-ġenituri fil-mument tat-twelid tat-tfal, il-ġenituri mhux miżżewġa għandhom il-kustodja konġunta tal-minuri. F'dan ir-rigward, il-partijiet fil-kawża prinċipali kkonfermaw waqt is-seduta, bħala tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt, li għandhom dritt ta' kustodja konġunta abbażi tad-dritt Slovakk.

34. Fis-sitwazzjoni tal-kawża prinċipali, it-tfal "ittieħdu" minn ommhom mill-Awstrija għall-Islovakkja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-missier u, għalhekk, bi ksur tad-dritt ta' kustodja konġunta mogħtija lill-ġenituri skont id-dritt Slovakk li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tal-partijiet, ma ġietx ikkontestata la mill-qorti tar-rinviju u lanqas mill-qrati Slovakki [15].

35. Minn dan isegwi li, sa fejn il-ġenituri kienu rrikonoxxuti b'mod ċar bħala detenturi tad-dritt ta' kustodja konġunta fl-Istat Membru li fih il-minuri kellhom ir-residenza abitwali tagħhom qabel it-tneħħija tagħhom, jiġifieri l-Awstrija, hemm lok li wieħed jitlaq mill-premessa li t-tneħħija tal-minuri mill-omm, minn dan il-pajjiż lejn is-Slovakkja, mingħajr il-kunsens tal-missier hija "tneħħija illeċita", fis-sens tal-punt 11(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

### 2. *Fuq il-portata tal-ġurisprudenza bbażata fuq l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003*

36. Infakkar li waqt is-seduta, il-missier indika li d-deċiżjonijiet meħuda sa dakinhar mill-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V) li kienu jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess kienu ta' natura urġenti u provviżorja u kienu ġew adottati abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Barra minn hekk, kien billi bbażat il-ġurisprudenza tagħha fuq din id-dispożizzjoni li din il-qorti ċaħdet iż-żewġ talbiet għal miżuri provviżorji ta' urġenza ppreżentati mill-omm fil-qafas tal-proċedura relatata mad-dritt ta' kustodja tal-minuri.

37. Għalhekk, il-kwistjoni tqum dwar jekk il-fatt li l-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V) adottat miżuri abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 jimplikax li din il-qorti irrikonoxxiet lilha nnifisha bħala li għandha ġurisdizzjoni abbażi ta' dan ir-regolament u jekk, f'dan il-każ, dan ir-rikonoxximent jistax ikollu effett fuq il-ġurisdizzjoni tagħha abbażi tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament.

[14] Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB. (C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punti 43 u 44). Huwa utli li jitfakkar li, skont il-punt 9 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, id-"drittijiet ta' kustodja" huma ddefiniti bħala "drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri". Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 41 ta' din is-sentenza, li din id-definizzjoni hija awtonoma meta mqabbla mad-dritt tal-Istati Membri u li, "għall-finijiet tal-applikazzjoni ta[' dan ir-]regolament, id-dritt ta' kustodja jinkludi, fi kwalunkwe każ, id-dritt tal-persuna li għandu *dan id-dritt li jiddeċiedi l-post ta' residenza tal-minuri*" (korsiv miżjud minni). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża A (C-262/21 PPU, EU:C:2021:592, punt 44).

[15] Infakkar li d-domandi preliminari huma bbażati fuq il-premessa li t-tfal ittieħdu b'mod illeċitu, minn ommhom, mill-Awstrija lejn is-Slovakkja, jiġifieri mingħajr il-kunsens tal-missier, li huwa rrikonoxxut ukoll li għandu d-dritt ta' kustodja fl-Istat Membru li fih it-tfal kellhom ir-residenza abitwali tagħhom immedjatament qabel tali tneħħija.

38. Ir-risposta għal din id-domanda toħroġ b'mod ċar mill-kliem tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 2201/2003. Skont din id-dispożizzjoni, "[f]'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni".

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 fis-sens li l-qrati ta' Stat Membru fejn jinsab il-minuri huma awtorizzati, sakemm jiġu osservati tliet kundizzjonijiet kumulattivi stipulati f'din id-dispożizzjoni, jieħdu l-miżuri provviżorji jew kawtelatorji previsti mil-liġi f'dan l-Istat Membru, anki jekk dan ir-regolament jagħti lil qorti ta' Stat Membru ieħor il-ġurisdizzjoni fil-mertu [16]. Hija spjegat li, peress li tikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema ta' ġurisdizzjoni prevista mill-imsemmi regolament, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett [17]. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni, kif irrileva l-Avukat Ġenerali Bot, ma tikkostitwixxix kriterju ta' ġurisdizzjoni ġenerali, imma awtorizzazzjoni sabiex taġixxi taħt il-pressjoni doppja ta' perikolu għall-minuri u tan-neċessità ta' azzjoni urġenti sabiex tneħħih minn dan il-perikolu. Hija għandha bħala effett li tippermetti li tiġi invokata l-liġi tal-qorti mingħajr kriterju ta' ġurisdizzjoni inizjali [18]. Tali dispożizzjoni għalhekk ma hijiex regola ta' għoti ta' ġurisdizzjoni u, għalhekk, ma hijiex intiża sabiex tagħti ġurisdizzjoni fuq il-mertu [19]. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-miżuri hekk meħuda ma jibqax ikollhom effett meta l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni dwar il-mertu, skont l-istess regolament, ħadu l-miżuri li huma jikkunsidraw adattati [20].

40. Konsegwentement, f'dan il-każ, il-fatt li qorti Slovakka adottat miżuri provviżorji ta' urġenza dwar id-dritt ta' aċċess tal-missier, abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, ma jfissirx li din il-qorti rrikonoxxiet lilha nnifisha bħala li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-mertu u għalhekk ma għandux ikollu effett fuq il-ġurisdizzjoni abbażi tal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament.

16 F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, EU:C:2009:225, punt 47), u tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 39).

17 Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 38). Skont id-duttrina, dan ifisser li l-miżuri provviżorji ta' urġenza jistgħu jiġu adottati *biss* mill-qrati li ma għandhomx il-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' dispożizzjoni oħra tar-Regolament Nru 2201/2003, bħal f'dan il-każ. Ara, f'dan is-sens, Pertegás Sender, M. u Mariottini, C.M., "Article 20", *Brussels II bis Regulation, European Commentaries on Private International Law*, Magnus, U., u Mankowski, P. (dir.), Sellier European Law Publishers, 2017, it-tieni edizzjoni, p. 276, punt 21.

18 Teħid ta' pożizzjoni mill-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:762, punt 83). Fis-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni ma tapplikax jekk waħda mill-persuni kkonċernati mill-miżuri provviżorji adottati, pereżempju wieħed jew waħda mill-ġenituri, ma kinitx preżenti fl-Istat Membru inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, l-Avukata Ġenerali Sharpston qieset, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Purrucker (C-256/09, EU:C:2010:296, punt 147), li hija "l-preżenza tal-minuri biss li tiddetermina jekk jistgħux jittieħdu miżuri provviżorji ta' urġenza fir-rigward tiegħu jew tagħha". Id-duttrina ukoll qieset din l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala li hija restrittiva. Ara, b'mod partikolari, Pertegás Sender, M. u Mariottini, C.M., *op. cit.*, p. 279, punt 34, nota ta' qiegħ il-paġna 39. F'dan ir-rigward, infakkar li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU 2019, L 178, p. 1), li ġie wara r-Regolament 2201/2003, ma kkodifikax din il-ġurisprudenza. Ara l-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 27(5) tar-Regolament 2019/1111.

19 Ara, ukoll, Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa (dokument ippubblikat mis-servizzi tal-Kummissjoni b'konsultazzjoni man-network ġudizzjarju Ewropew), 2015, p. 23.

20 Ara l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 2201/2003.

*3. Dwar il-portata tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament*

*a) Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

41. Preliminarjament, nirrileva li, skont il-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti minn dan ir-regolament dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri huma fformulati fid-dawl tal-aħjar interess tal-minuri u, b'mod partikolari, tal-kriterju ta' qrubija.

42. Fir-rigward tal-prinċipju tas-supremazija tal-aħjar interess tal-minuri[21], il-premessa 33 tar-Regolament Nru 2201/2003 tistipula li dan ir-regolament huwa intiż sabiex jiżgura b'mod partikolari r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-minuri kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta. B'mod partikolari, l-Artikolu 24(3) tal-Karta jipprevedi għat-tfal kollha "id-dritt li jkollhom, regolarment, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal"[22].

43. F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' qrubija, huma l-qrati tal-post tar-residenza abitwali tal-minuri fil-mument li fih il-qorti tiġi adita li, minħabba l-prossimità ġeografika tagħhom, ikunu ġeneralment fl-aħjar pożizzjoni sabiex jevalwaw il-miżuri li għandhom jiġu adottati fl-interess tal-minuri, u dan skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2201/2003[23]. Madankollu, hija prevista deroga minn din ir-regola ta' ġurisdizzjoni permezz ta' regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali, b'mod partikolari dawk stipulati fl-Artikoli 10 u 15 ta' dan ir-regolament, li ser nanalizza iktar 'il quddiem[24].

*b) Fuq ir-regola ta' ġurisdizzjoni f'każ ta' tneħħija ta' minuri prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003*

44. F'dan il-każ, fid-dawl tal-informazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar il-kustodja tal-minuri, abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, kienet il-Bezirksgericht Bruck an der Leitha (il-Qorti Distrettwali ta' Bruck an der Leitha), il-qorti tal-post ta' residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija illeċita tagħhom.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 tinnewtralizza l-effett li l-applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali, stabbilita fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament, iġġib magħha f'każ ta' ħtif ta' minuri, jiġifieri t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lejn l-Istat Membru li fih il-minuri jkun kiseb residenza abitwali ġdida, wara l-ħtif tiegħu. Peress li dan it-trasferiment ta' ġurisdizzjoni għandu r-riskju li jġib miegħu vantaġġ proċedurali lill-awtur tal-att illeċitu, l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament jistipula li l-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu qabel

21 Ara l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, konkluża fi New York fl-20 ta' Novembru 1989 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1577, p. 3): "[f]id-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri, irrispettivament minn jekk humiex magħmula minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati ta' ħarsien soċjali, qrati, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni ewlenija". [traduzzjoni mhux uffiċjali] L-Istati Membri kollha rratifikaw din il-konvenzjoni.

22 L-Artikolu 24 tal-Karta jistipula żewġ prinċipji fundamentali oħra tad-drittijiet tat-tfal: id-dritt li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament, skont l-età u l-maturità tagħhom (paragrafu 1), u d-dritt li l-aħjar interess tat-tfal għandu jingħata kunsiderazzjoni *ewlenija* fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernawhom (paragrafu 2).

23 Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 36), u tal-14 ta' Lulju 2022, CC (Trasferiment tar-residenza abitwali ta' tifel jew tifla lejn Stat terz) (C-572/21, EU:C:2022:562, punt 7).

24 Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, "[i]l-Paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 9, 10 u 12".

it-tneħħija jew iż-żamma illeċita xorta jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm ċerti kundizzjonijiet ma jkunux issodisfatti[25]. Fil-fatt, in-newtralizzazzjoni użata minn din id-dispożizzjoni għandha l-konsegwenza li, f'każ ta' tneħħija illeċita, l-*uniċi* qrati li jkollhom ġurisdizzjoni huma l-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija. Dawn il-qrati jibqgħu bil-ġurisdizzjoni anki jekk, sussegwentement, il-minuri jkun f'sitwazzjoni intermedjarja jew provviżorja, meta r-residenza abitwali preċedenti tkun intilfet, filwaqt li r-residenza abitwali ġdida tkun għadha ma ġietx miksuba[26].

46. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-ħtif ta' minuri ma għandux, bħala regola, ikollu l-konsegwenza li jittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija illeċita tiegħu lil dawk tal-Istat Membru fejn il-wild ittieħed, u dan anki fil-każ fejn, wara l-ħtif, il-minuri jkun kiseb residenza abitwali fih[27]. Huwa biss jekk il-minuri jkun kiseb tali residenza abitwali fi Stat Membru ieħor *u*, barra minn hekk, waħda mill-kundizzjonijiet alternattivi stipulati fl-Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 tkun ukoll issodisfatta[28] li huwa previst li l-ġurisdizzjoni tiġi ttrasferita[29].

47. F'dan il-każ, minkejja li l-minuri jidhru li kisbu residenza abitwali ġdida fis-Slovakkja, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, mill-proċess tal-kawża ma jirriżultax li waħda mill-kundizzjonijiet alternattivi previsti f'din id-dispożizzjoni hija ssodisfatta[30].

48. F'dan il-kuntest, tqum il-kwistjoni dwar jekk hemmx relazzjoni ta' ġerarkija bejn l-Artikoli 10 u 15 tar-Regolament Nru 2201/2003, b'tali mod li l-qorti li normalment għandha ġurisdizzjoni "dwar is-sostanza tal-kwistjoni" ma tkunx tista' tibgħat il-kawża lil qorti "f'pożizzjoni aħjar" jekk din il-qorti tkun dik tal-Istat Membru li fih il-minuri ttieħdu b'mod illeċitu minn wieħed mill-ġenituri.

[25] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2021, MCP (C-603/20 PPU, EU:C:2021:231, punt 45). Ara, ukoll, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punt 41).

[26] Għandu jitfakkar li, f'tali sitwazzjoni intermedjarja, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprekludi wkoll l-applikazzjoni tal-kriterju ta' ġurisdizzjoni sussidjarja tal-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, relatat mas-sempliċi preżenza tal-minuri. Ara, f'dan is-sens, Pataut, É. u Gallant, E., "Article 10", *Brussels II bis Regulation, European Commentaries on Private International Law*, *op. cit.*, p. 125, punt 10.

[27] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punt 44), u d-digriet tal-10 ta' April 2018, CV (C-85/18 PPU, EU:C:2018:220, punt 51).

[28] Dawn il-kundizzjonijiet alternattivi jikkonċernaw jew kunsens għat-tneħħija mid-detentur tad-dritt ta' kustodja (Artikolu 10(a)), jew ċirkustanzi oħra relatati mal-perkors taż-żmien u li jistgħu jnaddfu t-tneħħija min-natura illeċita tagħha (Artikolu 10(b)).

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Povse, (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punt 41), u d-digriet tal-10 ta' April 2018, CV (C-85/18 PPU, EU:C:2018:220, punt 46).

[30] B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju ma tindikax jekk id-deċiżjoni tal-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Distrettwali ta' Korneuburg) dwar id-dritt għal kustodja esklużiva, ikkonfermata fit-23 ta' Ġunju 2021 mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema), "ikkunsidra[tx] ir-ritorn ta' l-minuri", skont l-Artikolu 10(b)(iv) tar-Regolament Nru 2201/2003. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-fatt li t-tneħħija illeċita tal-minuri seħħet fit-8 ta' Lulju 2020, il-kundizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri li l-minuri kienu rrisjedew fis-Slovakkja "għal perijodu ta' mill-inqas sena" wara li l-missier kien jaf dwar it-tneħħija tagħhom lejn dan l-Istat Membru, ma tidhirx issodisfatta, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dan il-każ, il-qrati Slovakki ma jiksbux il-ġurisdizzjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punt 46).

*c) Fuq il-portata tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003*

49. Nirrileva li, ispirat mill-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996[31], ir-Regolament Nru 2201/2003 jistabbilixxi wieħed mill-innovazzjonijiet kbar tiegħu, jiġifieri dik li jintroduċi "mekkaniżmu ta' djalogu bejn il-qrati [tal-Istati Membri], ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħhom skont kunsiderazzjonijiet ta' opportunità" fir-rigward tas-*supremazija* tal-aħjar interess tal-minuri[32].

50. L-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula għalhekk li, bħala eċċezzjoni, il-qrati ta' Stat Membru li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar il-mertu jistgħu, jekk iqisu li qorti ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri għandu konnessjoni partikolari hija f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża jew parti speċifika tal-kawża, *u meta dan ikun fl-aħjar interess tal-minuri*, "titlob qorti ta' Stat Membru ieħor biex tassumi l-ġurisdizzjoni skond il-paragrafu 5"[33].

51. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni fiha regola ta' ġurisdizzjoni li tikkompleta dawk stipulati fl-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament Nru 2201/2003[34]. Din ir-regola innovattiva tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jawtorizza lill-qorti ta' Stat Membru li għandu ġurisdizzjoni "dwar is-sostanza tal-kwistjoni" bis-saħħa ta' waħda minn dawn ir-regoli ta' ġurisdizzjoni sabiex tipproċedi, *bħala eċċezzjoni*, għar-rinviju lil qorti ta' Stat Membru ieħor f'pożizzjoni aħjar li tisma' l-kawża[35]. Din id-dispożizzjoni tagħti ċerta flessibbiltà lis-sistema stabbilita f'dan ir-regolament peress li jidher li "l-interess superjuri tal-minuri huwa li tiġi żgurata l-protezzjoni tiegħu kemm minn qrati oħra kif ukoll minn dawk tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu"[36].

52. Iżda liema huma l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni "dwar is-sostanza tal-kwistjoni" skont ir-Regolament Nru 2201/2003?

53. Peress li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 isemmi, *mingħajr distinzjoni*, il-qrati ta' Stat Membru li għandhom ġurisdizzjoni "dwar is-sostanza tal-kwistjoni", skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni dan ir-regolament, dawn il-qrati jistgħu jkunu dawk tar-residenza abitwali

31 Konvenzjoni fuq il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, rikonoxximent, infurzar u kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-tfal, konkluża f'Den Haag fid-19 ta' Ottubru 1996 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996"). Ara l-Artikoli 8 u 9 (ġurisdizzjoni ttrasferita għal qorti adattata jew mitluba minnha) ta' din il-konvenzjoni.

32 Gallant, E., "Le *forum non conveniens* de l'article 15 du règlement Bruxelles II *bis*", *Revue critique de droit international privé*, 2017, n°3, p. 464 sa 471, b'mod partikolari p. 465. Ara, ukoll, Pataut, É., u Gallant, E., *op. cit.*, p. 172 sa 185, b'mod partikolari, p. 173 u 174, punti 1 sa 5.

33 L-Artikolu 15(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, jistipula li "[i]l-qrati ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jistgħu, fejn minħabba għall-cirkustanzi speċifiċi ta' l-każ, dan ikun fl-aħjar interess għall-minuri, jaċċettaw il-ġurisdizzjoni fi żmien sitt ġimgħat mill-pussess tagħhom skond il-paragrafu 1(a) jew 1(b). F'dan il-każ, il-qorti li ħadet il-pussess l-ewwel għandha tirrinunzja għall-ġurisdizzjoni; Inkella, il-qorti li ħadet il-pussess l-ewwel għandha tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni skond l-Artikoli 8 sa 14". Ara, ukoll il-premessa 13 ta' dan ir-regolament.

34 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, P (C-455/15 PPU, EU:C:2015:763, punt 44).

35 Għandu jitfakkar li dan il-mekkaniżmu huwa ispirat minn dak tal-*forum non conveniens*. Madankollu, dawn iż-żewġ strumenti għandhom xi differenzi. Fil-fatt, il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula, fil-paragrafu 3, "elenku ċar ta' ġurisdizzjonijiet alternattivi li jistgħu jiġu kkunsidrati li jista' jnaqqas l-allegata inċertezza relatata mal-mekkaniżmu tal-*forum non conveniens*". Dawn ir-restrizzjonijiet jippermettu għalhekk "li tingħata direzzjoni lil [dan] il-mekkaniżmu". Ara, f'dan is-sens, Ancel, B., u Muir Watt, H., "L'intérêt supérieur de l'enfant dans le concert des juridictions: le règlement Bruxelles II bis", *Revue critique de droit international privé*, 2005, Nru 94(4), p. 569 sa 605, b'mod partikolari p. 595, punt 28.

36 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, imħejji minn Paul Lagarde (iktar 'il quddiem ir-"Rapport Lagarde"), atti u dokumenti tat-tmintax-il sessjoni tal-Konferenza ta' Den Haag fid-dritt internazzjonali privat, 1996, Vol. II, p. 558, punti 52 *et seq.*

tal-minuri aditi abbażi tal-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament, jew waħda mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikoli 9, 10 jew 12 tiegħu, jew inkella l-qorti adita abbażi tal-Artikolu 13 tal-istess regolament[37].

54. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 *jikkompleta r-regoli ta' ġurisdizzjoni stipulati fl-Artikoli 8 sa 14* tiegħu permezz ta' *mekkaniżmu ta' kooperazzjoni* li jippermetti lill-qorti ta' Stat Membru, *li jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża bis-saħħa ta' waħda minn dawn ir-regoli*, li tibgħat il-kawża, bħala eċċezzjoni, lil qorti ta' Stat Membru ieħor li tinsab f'pożizzjoni aħjar li tisma' l-kawża[38].

55. B'hekk, kif ċerti awturi, korrettament, jenfasizzaw, "*tkun xi tkun il-bażi tal-ġurisdizzjoni tal-qorti adita* bis-saħħa tar-Regolament [Nru 2201/2003], u minkejja sforzi ta' rfinar u aġġustament ta' relazzjonijiet ta' ġurisdizzjoni mfittxija minn dan ir-regolament, l-imsemmi regolament permezz tal-Artikolu 15 jaċċetta li l-qorti hekk magħżula mhux neċessarjament tkun l-aħjar sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu"[39].

56. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza IQ[40], li l-mekkaniżmu ta' trasferiment stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma huwiex applikabbli bejn żewġ qrati li t-tnejn li huma għandhom ġurisdizzjoni dwar il-mertu abbażi tal-Artikoli 8 u 12 ta' dan ir-regolament, rispettivament[41]. Madankollu, tali interpretazzjoni tikkonċerna sitwazzjoni differenti minn dik ta' din il-kawża u, konsegwentement, din is-sentenza ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament f'din il-kawża[42].

57. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jippermetti lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni "dwar is-sostanza tal-kwistjoni", bis-saħħa tar-regoli tal-ġurisdizzjoni ta' dan ir-regolament, li tittrasfexxi l-kawża mhux biss lil qorti oħra li għandha ġurisdizzjoni dwar is-sostanza tal-kwistjoni, iżda wkoll lil kull qorti ta' Stat Membru, inkluż qorti li ma hijiex meqjusa bħala li għandha ġurisdizzjoni permezz ta' waħda minn dawn ir-regoli[43], bħall-każ tat-trasferiment lil qorti tal-Istat Membru li fih il-minuri ttieħed b'mod illeċitu, fis-sens tal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament.

[37] Ara, b'mod partikolari, Ancel, B., u Muir Watt, H., *op. cit.*, p. 595, punt 29, u Corneloup, S., "Les règles de compétence relatives à la responsabilité parentale", *Le nouveau droit communautaire du divorce et de la responsabilité parentale*, minuti tas-simpożju organizzat fis-7 u 8 ta' April 2005 miċ-Ċentru tad-Dritt tal-Familja tal-Università Lyon III, Dalloz, 2005, p. 69 sa 84, b'mod partikolari p. 81, punt 16, nota ta' qiegħ il-paġna 46.

[38] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, P (C-455/15 PPU, EU:C:2015:763, punt 44). Din hija l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, li tikkunsidra r-rinviju tal-kawża "meta qorti ta' Stat Membru [...] tkun ġiet adita b'kawża [...] skont l-Artikoli 8 sa 14 tar-[Regolament Nru 2201/2003]", ara Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Brussell IIa, *op. cit.*, p. 37, paragrafu 3.3.4.4.

[39] Ara Ancel, B., u Muir Watt, H., *op. cit.*, p. 595, punt 28. Korsiv miżjud minni. Ara wkoll, f'dan is-sens, Corneloup, S., *op. cit.*, p. 81, punt 16, nota ta' qiegħ il-paġna 46.

[40] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018 (C-478/17, EU:C:2018:812, punt 49 u d-dispożittiv).

[41] L-Avukat Ġenerali Wathelet madankollu kellu opinjoni kuntrarja fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża IQ (C-478/17, EU:C:2018:552, punti 59 *et seq.*).

[42] Għandu jiġi spjegat li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punti 33 sa 40 tas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, IQ (C-478/17, EU:C:2018:812), tikkunsidra s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri, minn naħa waħda, li l-kundizzjoni tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 li tikkonċerna l-eżistenza ta' "konnessjoni partikolari" *ma kinitx issodisfatta* f'dan il-każ u, min-naħa l-oħra, li l-ġurisdizzjoni tal-qorti Rumena adita fl-ewwel lok kienet ibbażata fuq l-Artikolu 12(1)(b) ta' dan ir-Regolament, jiġifieri *ftehim bejn il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità* dwar il-ġurisdizzjoni. Għalhekk, *f'dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi*, ir-rinviju lil qorti oħra ma kienx possibbli. Għall-kuntrarju, *f'din il-kawża*, is-sitwazzjoni hija differenti, fis-sens li, minn naħa waħda, il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' "konnessjoni partikolari" hija, bħala regola, issodisfatta peress li l-minuri kkonċernati għandhom in-nazzjonalità Slovakka u li, min-naħa l-oħra, ma hemmx ftehim skont l-Artikolu 12(1)(b) tal-imsemmi regolament bejn id-detenturi tal-kustodja konġunta tal-minuri.

[43] Ara Pataut, É. U Gallant, E., *op. cit.*, p. 176, punt 8: "Din ir-regola ta' ġurisdizzjoni għandha l-effett li tagħti ġurisdizzjoni lil *kull* qorti ta' Stat Membru, bil-kundizzjoni [b'mod partikolari] li hemm konnessjoni partikolari bejn il-qorti u l-wild." Korsiv u traduzzjoni tiegħi.

*d) Fuq ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament*

58. Fl-ewwel lok, kif sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-fatt li l-Artikoli 10 u 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jinsabu t-tnejn fit-Taqsima 2, intitolata "Ir-Responsabbiltà tal-ġenituri" tal-Kapitolu II, intitolat "Il-Ġurisdizzjoni", minnu nnifsu jimmilita favur l-applikabbiltà tal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament, anki fil-każ fejn il-ġurisdizzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament.

59. Fil-fatt, la mill-kliem u lanqas mill-istruttura tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jirriżulta li l-possibbiltà prevista fl-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament hija eskluża meta l-qorti jkollha ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament[44]. Għall-kuntrarju, sa fejn l-Artikolu 15(4) u (5) tal-istess regolament jistipula li, meta t-terminu li fih il-qorti tal-Istat Membru l-ieħor għandha tkun adita jew li fih hija għandha tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni ma jiġix osservat, l-ewwel qorti adita għandha "tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni *skond l-Artikolu 8 sa 14*" tar-Regolament Nru 2201/2003 (korsiv miżjud minni), u dan ifisser li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppjana li din il-possibbiltà tista' tkun eżerċitata b'mod validu minn qorti ta' Stat Membru li l-ġurisdizzjoni tagħha kienet inizjalment ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u, fl-assenza ta' rinviju, tkompli tiġi eżerċitata, skont dan l-artikolu[45]. Din l-analiżi hija kkorroborata mill-fatt li, skont l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni tista' tiddeċiedi *ex officio* li tibda l-mekkaniżmu ta' rinviju, anki jekk, skont il-paragrafu 2 *in fine* ta' din id-dispożizzjoni, din l-inizjattiva għandha tiġi aċċettata mill-inqas minn waħda mill-partijiet[46].

60. Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħti ċerta setgħa diskrezzjonali lill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni, iżda fil-limitazzjonijiet tal-mekkaniżmu li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi u li huwa bbażat, kif diġà spjegajt, fuq spirtu ta' kooperazzjoni bejn il-qrati li ma jikkompromettix iċ-ċertezza legali[47].

61. Fit-tielet lok, jeħtieġ li nirrileva li l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003 li huwa li tiġi żgurata l-osservanza tad-drittijiet fundamentali tal-minuri kif stipulati fl-Artikolu 24 tal-Karta jimplika li, skont il-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni, l-interess superjuri tal-minuri għandu jkun kunsiderazzjoni *ewlenija* fl-atti kollha li jikkonċernawh, b'mod partikolari dawk tal-awtoritajiet pubbliċi. Konsegwentement, huwa ċar li, waqt l-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament, għandu *qabelxejn* jiġi kkunsidrat dan l-interess. F'dan il-kuntest, inqis li meta, bħal f'dan il-każ, il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-mertu tal-kawża tkun ġiet stabbilita abbażi tal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, ma jkunx dubju dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 15 tal-istess regolament. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni korrettament enfasizzat, l-applikabbiltà ta' din l-aħħar dispożizzjoni, anki fil-każ ta' tneħħija illeċita ta' minuri, għandha bħala għan li tagħti deroga

[44] F'dan ir-rigward, naqbel ukoll mal-argument tal-Kummissjoni li l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jintroduċi fl-istess taqsima waħda l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar it-teħid u r-ritorn ta' minuri, kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha dwar il-ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ma jippermettix li jiġi sostnut li l-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-regolament jikkostitwixxu *leges speciales*. Fil-fatt, minkejja li l-proposta inizjali tal-Kummissjoni kienet introduċiet kapitolu differenti relatat mat-teħid mal-minuri li fih kien jaqa' l-Artikolu 10 (Artikolu 21 tal-abbozz), din l-istruttura ma nżammitx mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Ara ĠU 2002, C 203 E, p. 155.

[45] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, P (C-455/15 PPU, EU:C:2015:763, punt 44).

[46] Ara, f'dan is-sens, Ancel, B., u Muir Watt, H., *op. cit.*, p. 595, punt 28. Infakkar li l-Artikolu 15(2)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula li "[i]l-Paragrafu 1 għandu japplika [...] fuq mozzjoni proprja tal-qorti". F'dan ir-rigward, dan l-istess paragrafu *in fine* jistipula li "[t]rasferiment magħmul fuq mozzjoni ta' l-qorti proprja jew b'applikazzjoni minn xi qorti ta' Stat Membru ieħor għandu jiġi aċċettat mill-inqas minn wieħed mill-partijiet".

[47] Ara l-punti 49 *et seq.* u n-nota ta' qiegħ il-paġna 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

mir-regola ta' ġurisdizzjoni prinċipali tal-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu sakemm inħataf, preċiżament bil-għan li jiġi kkunsidrat l-interess superjuri tal-minuri [48].

62. B'dan premess, jiena tal-opinjoni li l-għan li jirrigwarda r-rispett tas-supremazija tal-interess superjuri tal-minuri, kif iggarantit mir-Regolament Nru 2201/2003 u fl-Artikolu 24 tal-Karta, jista', jekk ikun il-każ, jiġġustifika żewġ approċċi differenti. Skont l-ewwel wieħed, jista' jiġi kkunsidrat li f'każ konkret, ir-rinviju tal-kawża abbażi tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament lejn il-qorti tal-Istat Membru li fih il-minuri kiseb residenza abitwali wara tneħħija (jew żamma) illeċita ma jservix l-interess tal-minuri jew, skont it-tieni wieħed, li, *eċċezzjonalment, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża*, ir-rinviju lejn il-qorti tal-Istat Membru li fih il-minuri kiseb residenza abitwali wara tneħħija illeċita jista' jiġi permess.

63. Mill-banda l-oħra, fl-opinjoni tiegħi, ir-rispett ta' dan l-interess ma għandux jippermetti li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-qasam ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 tkun tista' b'mod sistematiku, jew b'mod assolut, tirrinunzja mill-fakultà li joffrilha l-mekkaniżmu ta' rinviju previst fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, meta l-qorti "f'pożizzjoni aħjar", skont il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri, tkun dik tal-Istat Membru fit-territorju li fih il-minuri jkun kiseb residenza abitwali wara tneħħija illeċita. Fil-fatt, l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament joffri l-*flessibbiltà neċessarja* sabiex jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri jassumu l-ġurisdizzjoni f'każijiet partikolari, bħala deroga mill-Artikolu 10 tal-istess regolament, *meta t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jkun fl-aħjar interessi tal-minuri* [49].

64. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rekwiżit li r-rinviju għandu jkun fl-aħjar interess tal-minuri jfisser li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha tiżgura, *fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża*, li r-rinviju maħsub minn din tal-aħħar lejn qorti ta' Stat Membru ieħor ma jinvolvix riskju li jkollu impatt detrimentali fuq is-sitwazzjoni tal-minuri. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, għal dan il-għan, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha tevalwa l-impatt negattiv li tali rinviju jista' jkollu fuq r-relazzjonijiet emozzjonali, familjari u soċjali tal-minuri involut fil-kawża jew fuq is-sitwazzjoni materjali tiegħu [50].

65. Fir-raba' u l-aħħar lok, nindika li, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandi dubji, bħall-Avukata Ġenerali Sharpston [51], dwar il-fatt li l-prinċipju li l-eċċezzjonijiet jew id-derogi minn regola għandhom jingħataw interpretazzjoni ristretta jiġi applikat mingħajr aġġustament ieħor. Fil-fatt, fil-każ tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, minkejja li r-regola taż-żamma tal-ġurisdizzjoni tar-residenza abitwali tikkorrispondi ma' wieħed mill-prinċipji fundamentali ta' dan ir-regolament, jiġifieri dak li l-att illeċitu tal-ġenitur li ħataf lill-minuri ma għandu jkollu l-ebda effett legali, l-eċċezzjoni tikkorrispondi ma' prinċipju fundamentali ieħor, peress li din hija regola ta' ġurisdizzjoni maħsuba għall-aħjar interess tal-minuri skont l-Artikolu 24 tal-Karta, b'mod partikolari, tal-kriterju ta' qrubija [52].

48 "[F]ejn [ir-rinviju] huwa fl-aħjar interessi għall-minuri" (Artikolu 15(1)).

49 Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, ara r-Rapport Lagarde, punt 53. Barra minn hekk, din il-konvenzjoni teskludi l-applikazzjoni tar-regola msejħa "prinċipju ta' *perpetuatio fori*" bejn il-partijiet kontraenti, ara l-punt 42 ta' dan ir-rapport.

50 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D. (C-428/15, EU:C:2016:819, punt 59).

51 Teħid ta' pożizzjoni fil-kawża Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:344, punt 44). F'dan ir-rigward, l-Avukata Ġenerali Sharpston barra minn hekk qieset li "il-kriterju tal-qrubija jista', min-natura tiegħu stess, jipproduċi riżultati li jvarjaw mal-mogħdija taż-żmien".

52 Fuq it-trasferiment ta' ġurisdizzjoni lil qorti ta' Stat Membru ieħor, ara l-Artikoli 12 u 13, u l-premessi 26 u 27 tar-Regolament 2019/1111. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ma eskludiex li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni abbażi tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament (ġurisdizzjoni fil-każ ta' tneħħija jew ta' żamma illeċita ta' minuri) tista' tirrinunzja għal kawża relatata mad-dritt ta' kustodja ta' minuri.

66. Konsegwentement, fid-dawl tal-kliem, tal-istruttura u tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-possibbiltà ta' rinviju hija, bħala eċċezzjoni, possibbli, anki jekk it-trasferiment maħsub isir lejn qorti tal-Istat Membru fejn il-minuri kkonċernat ittieħed b'mod illeċitu, bil-kundizzjoni li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun żgurat kif xieraq, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ, li dan ir-rinviju kien jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi previsti fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-Regolament, bil-kundizzjoni ewlenija tkun li l-imsemmi rinviju jkun fl-aħjar interess tal-minuri kkonċernat.

67. Dawn il-kundizzjonijiet huma s-suġġett tat-tieni domanda preliminari.

## *C. Fuq it-tieni domanda preliminari*

68. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 humiex ta' natura eżawrjenti u, jekk iva, taħt liema kundizzjoni(jiet) talba għal ritorn ta' minuri, imressqa abbażi tal-ewwel inċiż u tat-tielet inċiż tal-Artikolu 8(f) tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, li dwarha għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni finali tista' tiġi kkunsidrata [53].

69. Qabel ma nanalizza dawn il-kundizzjonijiet sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatt li proċedura ta' ritorn abbażi ta' din id-dispożizzjoni tistax tiġi kkunsidrata mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni meta jeżaminaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 (Taqsima 2), ser nesponi xi kunsiderazzjonijiet dwar ir-regoli kollha stabbiliti minn dan ir-regolament u mill-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u dwar il-kuntest fattwali li fih taqa' din it-talba għal ritorn tal-minuri, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta (Taqsima 1).

### *1. Fuq it-talba għal ritorn tal-minuri abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003*

70. Fl-ewwel lok, infakkar li l-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 tistipula, fl-Artikoli 8 sa 11, 13 u 20 tagħha, proċedura speċifika li għandha l-għan li "jiġi ggarantit ir-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat ta' residenza abitwali tiegħu" [54]. Meta tneħħija illeċita ta' minuri sseħħ, bħal dik f'dan il-każ fil-kawża prinċipali, fi ħdan l-Unjoni, ir-Regolament Nru 2201/2003 "jikkompleta u jispeċifika, b'mod partikolari fl-Artikolu 11 tiegħu, l-imsemmija regoli ta' din il-konvenzjoni" [55]. Minħabba li

[53] Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, "[i]l-persuna, l-istituzzjoni jew l-organu li jallegaw li minuri tneħħa jew inżamm bi ksur ta' dritt ta' kustodja jistgħu jitolbu jew lill-awtorità ċentrali tar-residenza abitwali tal-minuri jew lil dik ta' kull Stat Kontraenti ieħor sabiex dawn l-awtoritajiet jagħtuhom l-assistenza tagħhom bil-għan li jiġi żgurat ir-ritorn tal-minuri." [traduzzjoni mhux uffiċjali] Skont il-punt (f) tat-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu "[i]t-talba tista' tkun akkumpanjata jew ikkompletata b'attestazzjoni jew dikjarazzjoni b'affermazzjoni li toriġina mill-awtorità ċentrali, jew minn awtorità kompetenti oħra tal-Istat tar-residenza abitwali, jew minn persuna kkwalifikata, dwar id-dritt tal-Istat f'dan ir-rigward". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[54] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 imħejji minn Elisa Pérez Vera, punti 10 u 16. Ara, ukoll, il-preambolu ta' din il-Konvenzjoni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, OL (C-111/17 PPU, EU:C:2017:436, punt 61).

[55] Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li mill-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li "dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, jew jipprevedu konsegwenzi li għandhom jinstiltu mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Dawn iż-żewġ kategoriji ta' dispożizzjonijiet jikkostitwixxu, għalhekk, *grupp ta' normi indiviżibbli* li japplika għall-proċeduri ta' ritorn ta' minuri mneħħija b'mod illeċitu fi ħdan l-Unjoni" (Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati terzi għall-Konvenzjoni ta' Den Haag), tal-14 ta' Ottubru 2014 (EU:C:2014:2303, punti 77 u 78), u sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punt 62)). Korsiv miżjud minni. Għall-kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-proċedura ta' ritorn bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Emiliou fil-kawża Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:21, punti 28 sa 31). Fir-rigward ta' talbiet ta' ritorn imressqa wara l-1 ta' Awwissu 2022, dawn ir-regoli huma kkompletati bl-Artikoli 22 sa 29 tar-Regolament 2019/1111.

d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament u dawk ta' din il-konvenzjoni jikkoinċidu u minħabba r-rabta mill-qrib li teżisti bejniethom, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar jista' għalhekk ikollhom impatt fuq is-sens, il-portata u l-effikaċja tar-regoli tal-istess regolament[56].

71. Fit-tieni lok, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 60 u l-Artikolu 62(2) tar-Regolament Nru 2201/2003[57] billi ddeċidiet li "*il-ħtif ta' minuri* minn Stat Membru lejn ieħor issa jaqa' taħt [dan is-sett ta' regoli], [...] peress li huma [r-regoli ta' dan ir-regolament] li *għandhom jipprevalu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament*"[58].

72. B'dan premess, mid-deċiżjoni tar-rinviju u mit-tweġibiet tal-partijiet għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, tal-inqas sal-ġurnata tas-seduta, ma kienet għadha ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali mill-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I) wara t-talba għal ritorn tal-minuri mressqa mill-missier fit-3 ta' Awwissu 2020 quddiem din il-qorti[59]. F'dan ir-rigward, il-missier spjega li n-nuqqas ta' deċiżjoni ta' din il-qorti f'terminu raġonevoli kien dovut, b'mod partikolari, għall-fatt li l-ewwel imħallef adit bit-talba għal ritorn kien ġie sospiż wara proċeduri kriminali għal misapproprjazzjoni u li l-proċedura ta' ritorn kellha tingħata lil imħallef ieħor[60].

73. Il-kwistjoni tqum għalhekk dwar jekk huwiex possibbli li jiġu kkunsidrati dawn iċ-ċirkustanzi fil-qafas tal-evalwazzjoni konkreta ta' kull waħda mill-kundizzjonijiet imposti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003. Jien ser nirrispondi fuq il-linji segwenti.

### *2. Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tat-talba għal ritorn bħala element fattwali fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet eżawrjenti previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003*

74. Mill-kliem tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta b'mod ċar li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni huma elenkati b'mod eżawrjenti.

75. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-rinviju għal qorti ta' Stat Membru ieħor abbażi tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jista' jseħħ biss jekk jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, li teżisti konnessjoni bejn il-minuri u Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 15(3)(a) sa (e) ta' dan ir-regolament, li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu

56 Ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati terzi għall-Konvenzjoni ta' Den Haag), tal-14 ta' Ottubru 2014 (EU:C:2014:2303, punt 85), u s-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punt 63.

57 Infakkar li, "skont l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 2201/2003, *fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri*, dan ir-regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 sa fejn dan tal-aħħar jirrigwarda *kwistjonijiet irregolati minn dan ir-regolament.* B'riżerva għas-supremazija ta' dan ir-regolament, din il-konvenzjoni tkompli tipproduċi l-effetti tagħha bejn l-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tagħha, fl-osservanza tal-imsemmi Artikolu 60, skont l-Artikolu 62(2) tal-imsemmi regolament, u kif iddikjarat fil-premessa 17 tiegħu" (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB., C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punt 36). Il-korsiv miżjud minni. Ara, ukoll, l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża McB. (C-400/10 PPU, EU:C:2010:544, punt 40).

58 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB. (C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punti 36), (korsiv miżjud minni), u Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati terzi għall-Konvenzjoni ta' Den Haag), tal-14 ta' Ottubru 2014 (EU:C:2014:2303, punt 87).

59 Fil-fatt, il-missier spjega li minkejja li t-talba għal ritorn tiegħu kienet ġiet miċħuda, permezz ta' deċiżjoni ta' din il-qorti, fil-15 ta' Lulju 2021, jiġifieri kważi sena minn meta tressqet, din id-deċiżjoni ta' ċaħda ġiet madankollu annullata, wara l-appell tiegħu, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2022, minħabba li din il-qorti kellha tistabbilixxi jekk ir-residenza tal-ġenituri kinitx ibbażata fuq il-volontà tagħhom li jistabbilixxu ċ-ċentru tal-interessi tagħhom fl-Awstrija u jekk ir-reġistrazzjoni sussegwenti tal-minuri fi skola fis-Slovakkja kellhiex tiġi kkunsidrata bħala l-bidla tar-residenza abitwali tagħhom.

60 Infakkar li l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula li qorti adita b'talba għal ritorn ta' minuri għandha "taġixxi bil-ħeffa" u, ħlief jekk dan jirriżulta impossibbli minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux iktar tard minn sitt ġimgħat minn meta tkun adita bil-kawża. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punt 71).

konjizzjoni tal-mertu ta' kawża tkun tqis li qorti ta' dan l-Istat Membru tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża u li t-trasferiment ikun fl-aħjar interess tal-minuri, fis-sens li ma jkunx hemm riskju ta' impatt detrimentali fuq is-sitwazzjoni tal-minuri kkonċernat[61]. B'hekk, il-qorti ta' Stat Membru li normalment għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' kawża partikolari għandha, sabiex tkun tista' titlob it-trasferiment lil qorti ta' Stat Membru ieħor, tkun kapaċi tikkonfuta l-preżunzjoni qawwija favur iż-żamma tal-ġurisdizzjoni tagħha li tirriżulta minn dan ir-regolament[62]. Sabiex tiġi ikkonfutata din il-preżunzjoni, din il-qorti ma tistax tikkunsidra kundizzjonijiet oħra apparti dawk elenkati fl-Artikolu 15 tal-istess regolament, li huma interpretati b'mod ristrett mill-Qorti tal-Ġustizzja.

76. Il-Kummissjoni spjegat, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li, fl-opinjoni tagħha, l-eżistenza ta' talba għal ritorn abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, li fuqha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni finali fl-Istat Membru fejn il-minuri ttieħed b'mod illeċitu, ma għandhiex, fiha nnifisha, effett awtomatiku fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 ġewx issodisfatti. Hija spjegat, bħala tweġiba għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, li tali ċirkustanza ma tistax tiġi kkunsidrata mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni waqt l-evalwazzjoni tal-ewwel kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' *konnessjoni partikolari* bejn il-minuri u l-Istat Membru ieħor. Fil-fatt, fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li qabelxejn huma *esklużi* mill-mekkaniżmu ta' rinviju l-kawżi li fihom huma nieqsa l-punti elenkati, b'mod eżawrjenti, fl-Artikolu 15(3)(a) sa (e) ta' dan ir-regolament[63]. Fi kliem ieħor, tali "konnessjoni partikolari" teżisti biss meta, bħal f'dan il-każ, kriterju wieħed jew iktar ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti[64]. Għalhekk, l-eżistenza ta' proċedura ta' ritorn abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 ma jistax ikollha effett fuq l-evalwazzjoni ta' dawn il-kriterji.

77. Madankollu, il-Kummissjoni żiedet li, *minn perspettiva fattwali*, l-eżistenza ta' talba għal ritorn tista' tiġi kkunsidrata mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni waqt l-evalwazzjoni tat-tieni u t-tielet kundizzjoni, jiġifieri fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' qorti "f'pożizzjoni aħjar" sabiex tisma' l-kawża jew ta' parti minnha u tal-aħjar interess tal-minuri fil-każ ta' eventwali trasferiment lil qorti ta' Stat Membru li miegħu l-minuri għandu rabta partikolari.

78. Jiena naqbel ma' dan l-approċċ peress li jieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanza fattwali, jiġifieri l-eżistenza ta' talba għal ritorn *li fuqha għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali.*

79. Fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' qorti *f'pożizzjoni aħjar* biex tisma' l-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni li tkun bi ħsiebha tirrinunzja mill-kawża għandha tiżgura li r-rinviju jkun tali li jipprovdi "valur miżjud ġenwin u konkret" għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-minuri meta mqabbel mal-possibbiltà li l-kawża tinżamm quddiemha[65].

[61] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D. (C-428/15, EU:C:2016:819, punti 50, 55, 56 u 58), u d-digriet tal-10 ta' Lulju 2019, EP (Responsabbiltà tal-ġenituri u l-qorti f'pożizzjoni aħjar) (C-530/18, EU:C:2019:583, punt 31).

[62] Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D. (C-428/15, EU:C:2016:819, punt 49), u d-digriet tal-10 ta' Lulju 2019, EP (Responsabbiltà tal-ġenituri u l-qorti f'pożizzjoni aħjar) (C-530/18, EU:C:2019:583, punt 30).

[63] Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D. (C-428/15, EU:C:2016:819, punti 50, 55, 56 u 58), u d-digriet tal-10 ta' Lulju 2019, EP (Responsabbiltà tal-ġenituri u l-qorti f'pożizzjoni aħjar (C-530/18, EU:C:2019:583, punt 28).

[64] F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li tippermetti li jiġi kkunsidrat li t-tfal għandhom konnessjoni partikolari ma' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 15(1) u (3)(c) tar-Regolament Nru 2201/2003 hija ssodisfatta, jiġifieri li t-tfal huma ċittadini Slovakki.

[65] Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D. (C-428/15, EU:C:2016:819, punti 57, 61 u t-tieni punt tad-dispożittiv).

80. F'dan il-każ, waqt is-seduta ġie kkjarifikat li, minkejja li l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 ġie applikat, eventwali trasferiment tal-ġurisdizzjoni tal-qorti Awstrijaka kellu jsir mhux lill-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I) iżda lill-Okresny súd Bratislava V (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava V), li diġà tat diversi deċiżjonijiet li jirrigwardaw miżuri provviżorji ta' urġenza relatati mad-dritt ta' aċċess tal-missier u d-dritt tal-minuri għal manteniment abbażi tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament u tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4/2009. Dan huwa għalhekk element rilevanti sabiex jiġi kkunsidrat li din it-tieni qorti hija f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża.

81. Mill-banda l-oħra, id-dewmien ta' iktar minn sentejn tal-proċedura ta' ritorn quddiem l-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I) huwa element li għandu jiġi kkunsidrat sabiex jiġi stabbilit li din il-qorti ma hijiex fl-aħjar pożizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003. Fil-fatt, fil-qafas tal-eżami sabiex jiġi stabbilit jekk qorti hijiex f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-kawża, il-fatt li l-qorti tal-Istat Membru li lilha l-qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun bi ħsiebha tibgħat il-kawża kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni fuq it-talba għal ritorn tal-minuri huwa element negattiv peress li, b'mod temporanju, skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 [66], la din il-qorti u lanqas qrati oħra ta' dan l-Istat Membru ma jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar il-mertu [67].

82. F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni relatata mal-*aħjar interess tal-minuri*, kemm rinviju tal-kawża lejn qorti li ma żguratx ir-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu, biex b'hekk wasslet għal dewmien kunsiderevoli [68], kif ukoll rinviju lejn qorti li ma tistax tiddeċiedi dwar il-mertu f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' kustodja, minħabba li l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 jipprekludiha temporanjament milli tieħu deċiżjoni, huma kontra dan l-interess [69].

83. B'dan premess, jidhirli li ma għandux ikun eskluż b'mod assolut tali rinviju. Il-fatt li r-rinviju maħsub mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni lejn qorti ta' Stat Membru ieħor, abbażi tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003, għandu jkun fl-aħjar interess tal-minuri jfisser li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha tiżgura, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża, li dan ir-rinviju jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-minuri. Ċertament, l-Artikolu 11(8) ta' dan ir-regolament jistipula li "minkejja sentenza biex ma jsirx ir-ritorn skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980, kwalunkwe sentenza li tiġi wara li tirrekjedi r-ritorn ta' l-minuri maħruġa minn qorti li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament għandha tkun infurzabbli

66 Infakkar li, skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, "[w]ara li jkunu ġew informati dwar it-tneħħija illeċita ta' minuri jew dwar iż-żamma tiegħu fis-sens tal-Artikolu 3, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti fejn ikun ittieħed jew inżamm il-minuri *ma għandhomx jiddeċiedu fil-mertu dwar id-dritt ta' kustodja* qabel ma jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għar-ritorn tal-minuri ma humiex issodisfatti, jew qabel ma jkun għadda perijodu raġonevoli mingħajr ma tkun tressqet talba skont din il-Konvenzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]". Korsiv miżjud minn. F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 16 ta' din il-Konvenzjoni, A. Borrás tindika li "minkejja li r-residenza abitwali nbidlet u li għalhekk jista' jiġi kkunsidrat li jiġu applikati l-kriterji previsti mill-[Konvenzjoni ta' Brussell], il-prijorità mogħtija lill-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag [tal-1980] tipprekludi li jittieħdu passi li jibdlu r-responsabbiltà tal-ġenituri qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar ir-ritorn jew iż-żamma" (Rapport Borrás, punt 41).

67 Infakkar li din id-dispożizzjoni għandha natura *temporanja*, jiġifieri li hija ma tapplikax sakemm it-talba għal ritorn tkun għadha ma ġietx deċiża, u b'mod *ġenerali*, fis-sens li hija tikkonċerna l-qrati kollha tal-Istat li fih il-minuri ttieħed b'mod illeċitu.

68 Dan ma huwiex il-każ f'dan il-każ. Ara l-punt 80 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 Madankollu, tali evalwazzjoni negattiva tista' tinbidel jekk it-talba għal ritorn tiġi miċħuda mill-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I). Għall-kuntrarju, jekk din il-qorti tagħti deċiżjoni ta' ritorn, l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ma tkunx possibbli peress li "huwa biss f'każijiet preċiżi u eċċezzjonali, debitament iġġustifikati, li r-ritorn ta' wild minuri mneħħi b'mod illeċitu jista' ma jiġix ordnat". F'dan ir-rigward, infakkar li, skont il-punt (b) tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, din l-awtorità ma hijiex obbligata tordna r-ritorn tal-minuri meta l-persuna, l-istituzzjoni jew l-organu li jopponi r-ritorn tiegħu jistabbilixxi li hemm riskju serju li r-ritorn tal-minuri jesponih għal perikolu *fiżiku jew psikiku*, jew b'xi mod ieħor ipoġġih f'sitwazzjoni intollerabbli. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punti 64 u 65. Ara, ukoll, il-premessa 17 tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[…], ħalli jiġi tassigurat ir-ritorn ta' l-minuri"[70]. Dan ifisser li d-deċiżjoni ta' żamma ġġib magħha "aċċettazzjoni kkundizzjonata" tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni li, f'dan il-każ, għandha l-aħħar kelma dwar ir-ritorn tal-minuri[71]. Madankollu, anki f'dan il-każ, in-natura illeċita tat-tneħħija tal-minuri ma għandhiex twassal lill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jadottaw b'mod awtomatiku deċiżjoni ta' "ritorn minkejja kollox", fis-sens tal-Artikolu 11(8) tal-imsemmi regolament, mingħajr ma jieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi li jistgħu jimmilitaw favur iż-żamma tal-minuri fl-Istat Membru li fih huwa ttieħed b'mod illiċitu[72].

84. Il-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha għalhekk tipproċedi f'kull każ għal evalwazzjoni skont l-aħjar interess tal-minuri, li hija essenzjali sabiex jiġu kkunsidrati l-interessi u jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dan il-kuntest, minn naħa waħda, infakkar li l-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproku li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament Nru 2201/2003 joffru livell adegwat ta' kooperazzjoni u ta' informazzjoni bejn il-qrati tal-Istat Membru fejn il-minuri kkonċernat ittieħed b'mod illeċitu u dawk tal-Istat Membru li fih huwa kien jirrisjedi abitwalment immedjatament qabel it-tneħħija tiegħu. Min-naħa l-oħra, nenfasizza li l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament jagħti ċertu grad ta' flessibbiltà fis-sistema stabbilita minnu peress li jidher li l-interess superjuri tal-minuri huwa li l-protezzjoni tiegħu tkun żgurata minn qrati oħra apparti dik tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu.

## V. Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti r-risposti segwenti lil-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg, l-Awstrija):

1) L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-qorti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kustodja ta' minuri li hija bbażata fuq l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament bħala qorti tal-Istat Membru li fih dan il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija illeċita tiegħu hija awtorizzata titlob, bħala eċċezzjoni, lill-qorti tal-Istat Membru li fih dan il-minuri ttieħed b'mod illeċitu minn wieħed mill-ġenituri u li fih jgħix ma' dan il-ġenitur sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha, skont l-Artikolu 15(1)(b) tal-imsemmi regolament, bil-kundizzjoni li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun debitament żgurat, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża, li dan ir-rinviju jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet b'mod kumulattiv previsti fl-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, bil-kundizzjoni ewlenija tkun li l-imsemmi rinviju għandu jkun fl-aħjar interess tal-minuri kkonċernat.

70 Ara l-Artikolu 11(4) u l-premessa 18 tar-Regolament Nru 2201/2003. Ara, f'dan is-sens, Borrás, A., "Protection of Minors and Child Abduction Under the Hague Conventions and the Brussels II bis Regulation", in *Japanese and European Private International Law in Comparative Perspective*, Basedow, J., *et* (dir.), Mohr Siebeck, Tübingen, 2008, p. 345 sa 364, b'mod partikolari p. 362.

71 Sitwazzjoni differenti hija dik li fiha tingħata deċiżjoni ta' ritorn tal-minuri mill-Okresny súd Bratislava I (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava I). F'dan il-każ, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-ħtieġa ta' effettività u ta' ħeffa li tirregola l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn hija imposta fuq l-awtoritajiet nazzjonali […] fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni" (sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka *et* (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punt 72)). Ara l-premessa 21 tar-Regolament Nru 2201/2003 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 B'mod partikolari f'każ ta' vjolenza fiżika jew psikika imposta mill-ġenitur li miegħu l-minuri kien jirrisjedi abitwalment immedjatament qabel it-tneħħija illeċita tiegħu.

2) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003,

ghandu jiġi interpretat fis-sens li:

minn naħa waħda, il-kundizzjonijiet previsti minn din id-dispożizzjoni huma ta' natura eżawrjenti u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' talba għal ritorn ta' minuri abbażi tal-ewwel inċiż u tat-tielet inċiż tal-Artikolu 8(f) tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, konkluża f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980, li fuqha ma tkun għadha ngħatat l-ebda deċiżjoni finali ma tipprekludix l-applikabbiltà tal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament. Madankollu, l-eżistenza ta' tali talba hija ċirkustanza fattwali li tista' tiġi kkunsidrata mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni waqt l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet relatati mal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-qorti li tinsab fl-aħjar pożizzjoni li tisma' l-kawża u tal-aħjar interess tal-minuri fil-każ ta' rinviju lil qorti ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri jkollu konnessjoni partikolari, bħal dawk previsti fl-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament.